# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru 2016**

**Numru 11**

**Citazzjoni Numru 142/00 PC**

**Joe Grima u martu Rita Grima**

**v.**

**Nutar Dottor Emanuel Cefai**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut in-Nutar Dr Emanuel Cefai mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Ġenerali, tal-31 ta' Mejju 2012, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, u tilqa' t-talbiet[1] (*recte:* l-eccezzjonijiet) tiegħu, inkluż li tilliberah mill-osservanza tal-

[1] Jidher li bi żvista kiteb "talbiet" flok "eċċezzjonijiet"

ġudizzju, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti,

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

"Illi l-konvenut huwa debitur versu l-atturi fis-somma ta' elf mija u wieħed u tletin lira Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm1,131.50) rappreżentanti bilanċ tal-prezz ta' xogħol magħmul fil-proprjeta' tal-konvenut;

"Illi l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont dovut bl-interessi kalkolati bit-tmienja fil-mija fis-sena b'effett mill-10 ta' Diċembru 1994, permezz ta' ittra uffiċċjali tat-tlettax ta' Jannar 2000 illi ġiet notifikata lill-konvenut ai termini tal-artikolu 187(3) peress illi minkejja tentattivi n-Nutar Cefai baqa' ma nstabx ;

"Illi nonostante dan kollu, il-konvenut baqa' inadempjenti ;

"Illi dan id-debitu hu wieħed ċert likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi l-konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni xi jqajjem għat-talba illi dan il-kreditu tagħhom jitħallas.

"Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi u Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;

"2. Tikkundannak sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' elf mija u wieħed u tletin lira m altin u ħamsin ċenteżmu (Lml,131.50) dovuti flimkien mal-interessi fuq din is-somma b'effett mill-10 ta' Diċembru 1994 sad-data tal-effettiv pagament.

"Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-tlettax ta' Jannar 2000, u tan-notifika ai termini tal-artikolu 187(3) kontra tiegħek.

"Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, illi għaliha minn issa inti inġunt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Joe Grima.

"Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

"1. Illi preliminarjament jiġi invokat il-*Privilegium Fori* stante li din il-kawża tirrigwarda allegata obbligazzjoni ta' ħlas li a tenur ta' Artikolu 1159 subinċiż (4) tal-Kodiċi Ċivili, din l-obbligazzjoni għandha tiġi esegwita "fejn ikun joqgħod bid-dar id-debitur," u ċioe' f'Malta.

"2. Illi bla preġudizzju għall-ewwel eċċeżżjoni, iżda wkoll in linea preliminari, jiġi eċċepit li ma teżisti ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u l-konvenut, u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

"3. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi.

"Salvi eċċeżżjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu.

"Rat is-sentenza tagħha ta' l-20 ta' Ottubru 2005 dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-'*privilegium fori'.*

"Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-3 ta' Novembru 2006 li kkonfermat din is-sentenza.

"Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq il-mertu.

"Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu lill-qorti tordna lill-konvenut iħallas il-bilanċ ta' prezz għal xogħol esegwit mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fi proprjeta' ta' l-istess konvenut fl-Għarb, Għawdex.

"Fil-mertu l-konvenut kkontesta it-talba għal żewġ raġunijiet, u ċioe' (i) li ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-atturi, u (ii) li t-talbiet attriċi kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt. Il-konvenut baqa' qatt ma deher għall-kawża, la xehed u lanqas ipproduċa ebda provi in sostenn ta' dawn l-eċċezzjonijiet tiegħu.

"Dwar l-ewwel eċċezzjoni, għalkemm l-attur stqarr fid-depożizzjoni tiegħu li l-konvenut u l-ġenituri tiegħu kienu semmewlu xi kumpanija li kellhom, huwa dejjem ittratta ma' n-Nutar Cefai personalment dwar l-inkarigu mogħti lilu, u dwar dan kienet anke saret xi skrittura,

li pero' hu qatt ma ngħata kopja tagħha u għalhekk ma setax jesebiha. Fin-nuqqas ta' xi prova biex tirribatti dak li qal l-attur, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.

"Irriżulta mill-ftit provi prodotti, li l-attur kien ingħata kuntratt ta' appalt mill-konvenut sabiex jagħmillu xi xogħol fil-proprjeta' li n-Nutar Cefai kellu fi Triq Sdieri, l-Għarb, konsistenti f'tikħil, mogħdija ta' katusi tad-drenaġġ u ta' l-ilma, brix u twaħħil ta' *showers* u *toilets,* kif ukoll tal-bini ta' *partitions* fi kmamar. Ta' dan ix-xogħol kien għad baqagħlu jitħallas bilanċ, inkluż somma għal xogħol żejjed li ma kienx ġie inkluż fil-ftehim oriġinali.[1] L-attur esebixxa l-fattura rigward dan ix-xogħol ammontanti għas-somma ta' Lm1131.50 indikata fiċ-ċitazzjoni,[2] kif ukoll diversi ritratti tal-proprjeta' fejn kienu saru dawn ix-xogħlijiet.[3] Ġiet esebita wkoll kopja ta' ittra uffiċċjali mibgħuta lill-konvenut in konnessjoni ma' dan il-kont,[4] u kopji ta' diversi ittri nterpellatorji relattivi, kif ukoll kopja tal-proċedura għan-notifika tal-konvenut permezz tal-pubblikazzjoni.[5]

"Mid-domandi li saru in kontro-eżami lill-attur u minn dak li ntqal fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut, jidher li l-konvenut mhux jikkontesta l-fatt li tassew saru dawn ix-xogħlijiet, imma biss li ma tlestiex ix-xogħol kollu li kellu jagħmel l-attur u li dan uża xi materjal supplit mill-konvenut stess. Dwar l-ewwel raġuni, la qatt ingħatat xi eċċezzjoni formali f'dan is-sens u wisq inqas ġew prodotti ebda provi dwar din l-allegazzjoni. Dwar it-tieni raġuni, l-attur ammetta li kien ġabar xi katusi minn proprjeta' oħra tal-konvenut fir-Rabat, imma mkien fil-fattura esebita ma jidher li qed jintalab xi ħlas għall-materjal bħal dan.

"Jirriżulta għalhekk illi t-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont bilanċjali reklamat mill-atturi hija ġustifikata u timmerita konferma.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar il-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fuq il-mertu, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' elf mija wieħed u tletin lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1131.50) pari llum għal elfejn sitt mija ħamsa u tletin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (EUR. 2635.68), bl-imgħaxijiet relattivi mid-data ta' l-ittra uffiċċjali tat-13 ta' Jannar 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

"Bl-ispejjeż, apparti dawk ġia deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-3 Novembru 2006 inklużi dawk ta' l-istess ittra uffiċċjali u tan-notifika tal-konvenut ai termini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12, kontra l-istess konvenut."

---

[1] Ara xhieda ta' l-attur a fol. 157 - 163 .
[2] A fol. 9 tal-process .
[3] A fol. 53 – 57 .
[4] Dok. D a fol. 81 .
[5] Dokti. A, B, C, E, F, G, H, I, J, K, L. M, N, O, P, Q, R, S u T a fol. 78 – 97 .

**Rikors tal-appell tal-konvenut in-Nutar Dr Emanuel Cefai (18.06.2012)**

**3.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma dawn:

*L-ewwel aggravju:*

**4.** L-ewwel aggravju tal-konvenut hu li l-ewwel qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi mingħajr ma kien hemm il-provi meħtieġa skont il-liġijiet tal-evidenza.

*It-tieni aggravju*

**5.** It-tieni aggravju tiegħu hu fis-sens li "*l-Qorti t'Għawdex irriteniet illi r-rikorrent*[2] *ma ġabx provi għall-każ tiegħu*". Isostni li dan mhux korrett "*in kwantu l-esponent ressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu li fihom innifishom huma prova, imbagħad kien imiss lill-atturi li jippruvaw il-każ tagħhom".*

*It-tielet aggravju*

**6.** It-tielet aggravju tiegħu hu li kellu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex iħoss li ipprova debitament illi jekk xi ħaġa kienet dovuta lill-attur, ma kinitx dovuta minnu imma minn kumpanija. Jgħid li

[2] Jidher li bi żvista kiteb "rikorrent" flok "esponent" jew "konvenut"

kien l-attur stess li ammetta dan indirettament fix-xiehda tiegħu.

*Ir-raba' aggravju*

**7.** Fir-raba' aggravju tiegħu jilmenta li bl-ebda mod ma ġie ppruvat il-kwantum ta' dak li allegatament hu dovut, u dak li allega l-attur hu prinċpalment allegazzjoni ta' *invoice* li ħareġ hu.

*Il-ħames aggravju*

**8.** Hawnhekk il-konvenut appellant jilmenta li l-attur ma kellux jingħata dak li ingħata meta hu stess, kontro-eżaminat ammetta quddiem il-Qorti ta' Għawdex li hu stess kien tilef id-dokumenti li juru xi flus kellu jieħu, kif ukoll li lanqas biss lesta x-xogħol li kellu jlesti, u allura *multo magis*, ma seta' qatt jitlob u jingħata dak li ġie akkordat lilu.

*Is-sitt aggravju*

**9.** Il-konvenut appellant iħoss li ma kinitx ġusta l-ewwel Qorti meta dehrilha li kellha tagħti ammont ta' imgħax lill-atturi appellati.

*Is-seba' aggravju*

**10.** Il-konvenut appellant "*bħala s-seba aggravju, f'dan l-istadju tal-appell bla preġudizzju għall-aggravji l-oħra kollha*" qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u din kemm tat-tmintax-il xahar ai termini tal-Artikolu

2148 tal-Kodiċi Ċivili, kif ukoll tas-sentejn ai termini tal-Artikolu 2149 tal-istess Kodiċi. Jispjega li din l-eċċezzjoni qajjimha issa fid-dawl ta' dak li ħareġ f' din il-kawża.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (30.07.2012)**

**11.** L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma.

**12.** Fl-ewwel lok isostnu li ma jissussitux l-elementi neċessarji biex din il-Qorti tiddisturba s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti stante li hija għamlet evalwazzjoni korretta tal-provi u waslet għall-konklużjonijiet tagħha meta evalwat l-istess provi – provi mressa minnhom biss peress li l-konvenut ma ressaq l-ebda prova.

**13.** Fir-rigward tat-tielet aggravju, jgħidu li l-konvenut appellant ma ġab l-ebda prova li turi li d-debitu kien dovut minn kumpanija u mhux minnu personalment. Jaċċennaw għall-fatt li anke matul is-smiegħ tal-kawża, ingħad bl-iktar mod ċar kif il-pagamenti li kienu saru, kienu effettivament saru ukoll minnu.

**14.** Fir-rigward tar-raba' u l-ħames aggravji dwar il-kwantum, isostnu li dan jirriżulta bl-iktar mod ċar mill-*invoices* li ġew preżentati iktar minn darba minnhom fil-kors tal-kawża. Jiċċaraw illi l-attur appellat ma kienx

sab id-dokument tan-noti li kien ħa matul il-kors tax-xogħolijiet u mhux l-*invoices* li effettivament a bażi tagħhom qed jintalab il-ħlas.

**15.** Fir-rigward tas-sitt aggravju dwar l-imgħax, jargumentaw illi huwa prinċipju dettat mil-liġi u segwit mill-qrati nostrani illi fejn hemm bilanċ jew kreditu li persuna mingħajr ebda ġustifikazzjoni tirrifjuta li tħallas, allura għandhom jiddekorru a favur tal-kreditur l-imgħaxijiet skont il-liġi.

**16.** Fir-rigward tal-fatt li l-konvenut appellant għażel li jinvoka l-preskrizzjoni f' dan l-istadju, l-atturi appellati jsostnu l-konvenut kellu jintavola rikors appożitu sabiex jitlob il-permess li jagħmel dan. Iżidu jgħidu, mingħajr preġudizzju, li kellu jagħżel liema terminu ta' preskrizzjoni jinvoka u mhux jindika tnejn f'tentattiv li jekk ma jkollux success f'wieħed jittenta li jkollu success fl-ieħor. Finalment, dejjem mingħajr preġudizzju, isostnu li l-allegazzjonijiet tal-konvenut f'dan ir-rigward huma totalment infondati.

**<u>Noti ta' osservazzjonijiet</u>**

**17.** Il-konvenut appellant ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fit-12 ta' Lulju 2016, u l-atturi appellati ppreżentaw in-nota ta' sottomissonijiet responsiva tagħhom fid-9 ta' Awwisu 2016.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**18.** Mis-seba' aggravji mressqa mill-konvenut, din il-Qorti ser tibda

biex tikkonsidra dawk li jirrigwardaw eċċezzjonijiet preliminari: u cioe` it-tielet (3) aggravju u s-seba' (7) aggravju.

*It-tielet aggravju: l-allegata nuqqas ta' relazzjoni ġuridika*

**19.** Il-konvenut appellant fit-tieni (2) eċċezzjoni tiegħu, in linea preliminari, kien eċċepixxa li "*ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u bejn il-konvenut, u għalhekk il-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju".*

**20.** L-ewwel Qorti osservat li l-konvenut ma pproduċa l-ebda provi in sostenn ta' tali eċċezzjoni, filwaqt li l-attur da parti tiegħu, għalkemm stqarr li l-konvenut u l-ġenituri tiegħu kienu semmewlu xi kumpanija li kellhom, kien dejjem ittratta personalment mal-konvenut fir-rigward tal-inkarigu mogħti lilu, u li dwar dan kienet anke saret xi skrittura, li pero` hu qatt ma ngħata kopja tagħha u għalhekk ma setax jesebiha. Fin-nuqqas ta' xi prova da parti tal-konvenut biex tirribatti l-verżjoni tal-attur, l-ewwel Qorti ċaħdet din l-eċċezzjoni.

**21.** Il-konvenut ħass ruħu aggravat b'dan għaliex "*hu jħoss illi* ***<u>ipprova debitament</u>*** *illi … … … jekk xi ħaġa kienet dovuta lill-attur din ma kinitx dovuta minnu imma* ***<u>minn kumpanija</u>****, kif ammetta indirettament l-istess attur fix-xiehda tiegħu … … …".* (enfasi ta' din il-Qorti).

**22.** Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-kontro-eżami tal-attur Joe Grima tas-6 ta' Novembru 2007[3] u senjatament għad-domandi rigwardanti min kien tah l-inkarigu biex jagħmel ix-xogħol. L-attur xehed li kien ċempillu l-konvenut u talbu jmur jiltaqa' miegħu d-dar tiegħu. Xehed li ommu u missieru kienu hemm u kienu semmew li għandhom kumpanija t-tlieta li huma, iżda ma ftakarx għalfejn issemmiet. Mistoqsi jekk kinux qalulu li l-post fejn kellu jsir ix-xogħol kien proprjeta` ta' kumpanija li tagħha l-konvenut u l-ġenituri tiegħu huma azzjonisti irrisponda "*Le, Le*". Sostna li huwa dejjem innegozja man-nutar. Kontro-eżaminat fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2010 qal li meta kienu ftehmu fuq l-appalt, u qabel ma kien beda x-xogħol "*Niftakar illi konna għamilna xi skrittura, pero` il-kopja, nerġa' ngħidlek, qatt ma tahieli. Qatt".* Kontro-eżaminat f'seduta oħra tat-30 ta' Ġunju 2011[4] reġa' kkonferma li qatt ma kien ingħata kopja tal-ftehim bil-miktub li saret bejniethom.

**23.** Fix-xiehda tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 xehed li preċedentement kien rċieva xi ħlasijiet relatati mal-appalt imma qal li l-karti (ossia r-riċevuti relattivi) baqgħu għand il-konvenut. Fix-xiehda tiegħu in kontro-eżami tat-30 ta' Ġunju 2011, spjega lli meta kien jitħallas mingħand il-konvenut dan tal-aħħar kien jagħmillu karta u hu kien jiffirmahielu.

[3] Xhieda & kontro-eżami tal-attur tas-6 ta' Novembru 2007, fol 157-163
[4] Xhieda tal-attur tat-30 ta' Ġunju 2011, fol 199-208

**24.** Din il-Qorti tosserva li l-kopji tad-diversi fatturi li ntbagħtu ripetutament mill-attur lill-konvenut (relattivi għall-bilanċ ta' prezz li qed jintalab f'dawn il-proċeduri) huma kollha indirizzati personalment lilu u cioe` "*Nutar Cefai*".

**25.** Tosserva wkoll li l-konvenut qatt ma rribatta l-verżjoni tal-attur li kien sar ftehim bil-miktub bejn l-attur u bejnu personalment, u li hu (il-konvenut) kien jipprepara r-riċevuti hu stess għall-ammonti li kien iħallas lill-attur u li dan tal-aħħar kien jiffirmahom; lanqas ma rribatta l-verżjoni tal-attur li l-allegat ftehim u l-allegati riċevuti kien żammhom hu (il-konvenut). Wisq anqas ma ppreżenta xi skrittura biex juri li n-negozju kien sar ma' xi kumpanija, jew xi riċevuti biex juri li l-ħlasijiet li saru preċedentement lill-attur kienu saru minn kumpanija u mhux minnu personalment.

**26.** Il-konvenut appellant fin-nota tas-sottomissjonijiet li ppreżenta f'dan l-istadju tal-appell jirreferi għall-ġurisprudenza nostrana fejn jingħad illi meta jkun hemm żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita` u versomiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet; iżda f'każ ta' żewġ verżjonijiet diametrikament opposti u li jkunu t-tnejn plawsibbli u possibbli, dan jiffavorixxi l-konvenut in bażi għall-prinċipju li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

Hawnhekk pero` non si tratta ta' żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti, iżda biss ta' verżjoni waħda - dik tal-atturi - għaliex il-konvenut naqas kompletament li jagħti l-verżjoni tiegħu minkejja li kellu kull opportunita` li jagħmel dan. Kull ma għamel kien li kkontro-eżamina lill-attur.

**27.** Ikkonsidrat dan kollu din il-Qorti hija tal-istess fehma bħall-ewwel Qorti: u cioe`, li din it-tieni (2) eċċezzjoni li tqajmet mill-konvenut (fejn sostna li ma kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn l-attur u bejnu personalment) ma ġietx pruvata u għalhekk kellha raġun l-ewwel Qorti li tiċħadha. Huwa assolutament mhux minnu dak li jsostni fit-tielet aggravju tiegħu meta jgħid li huwa "*pprova debitament*" li jekk xi ammont huwa dovut, huwa dovut "*minn kumpanija*" u mhux minnu personalment. Għaldaqstant dan l-aggravju tiegħu jirriżulta infondat.

*Is-seba' aggravju: l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*

**28.** Il-konvenut appellant fis-seba' aggravju tiegħu qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni: kemm dik ta' tmintax-il xahar abbażi tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll dik ta' sentejn abbażi tal-Artikolu 2149 tal-istess Kodiċi.

**29.** L-atturi appellati, kemm fir-risposta tagħhom, u kif ukoll fin-nota tas-sottomissjonjiet tagħhom f'dawn il-proċeduri, jagħmlu diversi

argumenti kontra tali eċċezzjoni tal-preskrizzjoni – tlieta huma ta’ natura proċedurali u waħda tirrigwarda l-mertu:

(a) isostnu li l-konvenut kellu jitlob permezz ta’ rikors appożitu il-permess tal-Qorti biex iqajjem din l-eċċezzjoni;

(b) isostnu li kellu jagħżel liema terminu ta’ preskrizzjoni qed jinvoka u mhux jindika żewġ termini f’tentattiv li jekk ma jkollux success f’wieħed, jittenta jkollu success fl-ieħor;

(c) isostnu wkoll li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija bla effett jew improponibbli kemm għaliex qatt ma nnega li hu debitur u kemm għaliex hija inkompatibbli mat-tielet eċċezzjoni tiegħu;

(d) isostnu finalment li anke fil-mertu, din l-eċċezzjoni hija infondata.

**30.** Tqum fl-ewwel lok għalhekk il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut setax iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rikors tal-appell tiegħu.

**31.** Huwa risaput illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid titqajjem b’mod formali. Issir riferenza f’dan ir-rigward għall-kawża Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet **Emmanuele Busuttil v. Francesco Mercieca**, deċiża fil-15 ta’ April 1950, fejn kien intqal hekk:

> “*Eċċezzjonijiet formali, bħal ma hija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, ma għandhomx jingħataw f’noti ta’ osservazzjonijiet, imma bil-mod formali proċedurali. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tiġix mogħtija formalment qisha mhix quddiem il-Qorti u l-Qorti mhix tenuta tiddeċidiha; għax il-preskrizzjoni ma tistax tiġi sollevata mill-Qorti ex ufficio”.*

**32.** F'deċizjoni aktar riċenti tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawża fl-ismijiet **Gayle Scerri v. Eric Borg et**, deċiża fl-20 ta' Ottubru 2003, ġie ritenut illi anke meta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titqajjem fl-istadju tal-appell din trid issir bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti. (Dwar jekk hux permess li titqajjem fir-risposta tal-appell innifisha, din is-sentenza ma qalet xejn).

> *"Kif tajjeb osserva l-avukat tal-attriċi, eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax titqajjem f'nota ta' osservazzjonijiet, iżda għandha ssir b'mod formali taħt forma ta' nota ta' eċċezzjonjiet. Din għandha tkun debitament awtorizzata bħala nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri la kienet imqajma fil-mori tal-kawża. Din l-awtorizzazzjoni hija nieqsa, peress illi l-konvenuti minkejja li għandhom id-dritt iqajmu din l-eċċezzjoni anke fl-istadju tal-appell, xorta jridu l-awtorizzazzjoni tal-qorti biex jagħmlu dan. Din l-awtorizzazzjoni ma ntalbitx u għalhekk il-qorti ma tistax tieħu inizjattivi f'materja ta' preskrizzjoni u taċċetta din in-nota ta' osservazzjonijiet bħala nota ta' eċċezzjonijiet".*

**33.** Din il-Qorti pero` tagħmel riferenza għas-sentenza riċenti tagħha (diversament komposta) fejn, bħal f'din il-kawża, il-konvenut appellant kien qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili f'wieħed mill-aggravji tiegħu. Il-kawża hija **Maurice Meli Bugeja et v. Francis Vella et**, deċiża fl-24 ta' Ġunju 2016:

> *"Il-konvenut Vella f'dan l-istadju tal-appell (fit-tieni aggravju tiegħu) qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Huwa jsostni li ma ġiex pruvat li l-oġġetti li kienu instabu għandu kien akkwistahom b'serq jew b'riċettazzjoni u li għalhekk l-element tal-mala fidi huwa mankanti u konsegwentement huwa applikabbli l-Artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-azzjoni biex wieħed jieħu lura mingħand terza persuna l-ħaġa mobbli mitlufa jew misruqa, meta hemm jedd għaliha taħt l-Artikolu 559, taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn jekk it-terz ikun irċeviha b'bona fidi".*

**34.** Din il-Qorti tal-Appell f'tali kawża kienet fil-fatt qieset tali eċċezzjoni, anke jekk imbagħad sabet li kienet infondata fil-mertu:

"*Ikkonsidrati dawn iċ-ċirkostanzi kollha flimkien, din il-qorti tikkonkludi li fuq il-bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet l-appellat irċieva b'mala fidi l-oġġetti in kwistjoni u għalhekk ma jistax jippreskrivi a favur tiegħu l-istess oġġetti*".

**35.** F'din il-kawża wkoll il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tqis u tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut anke jekk ma talabx l-awtorizzazzjoni tagħha biex jagħmel dan. Il-fatt li qajjimha fir-rikors tal-appell stess, ifisser li l-atturi kienu ġew a konoxxenza tagħha sa mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri (qabel ma ngħalqu l-proċeduri bil-miktub) u kellhom il-possibilita` li jirrispondu għaliha fl-istess risposta tal-appell tagħhom. Kellhom anke l-possibbilita` li jikkombattuha bl-aħjar mezz possibbli. Fil-fatt fin-nota tas-sottomissjonijiet responsiva tagħhom li ppreżentaw quddiem din il-Qorti, ittrattaw fid-dettall fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni. Huma anke ddikjaraw li għal kull buon fini kienu qegħdin jesebixxu kopja ta' ittra legali datata 7 ta' Jannar 1996 spedita mid-difensur legali li kellhom dak iż-żmien u mmarkata Dok A. Fil-fatt ma esebew l-ebda dokument man-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom iżda jiġi osservat li tali dokument imsemmi minnhom kien diġa esebit minnhom fil-proċeduri tal-prim istanza, u fil-fatt jinsab a fol. 78 tal-proċess.

**36.** It-tieni kwistjoni hija jekk il-konvenut setax iqajjem żewġ termini ta' preskrizzjoni.

**37.** Huwa eċċepixxa l-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2148 - li jistipula li:

> "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;*
> …".

u l-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2149 – li jistipula li:

> *"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*
>
> *(a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta' xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:*
> *……"*

**38.** In vista tal-fatt li x-xogħol mertu ta' din il-kawża kien jikkonsisti f'tikħil, mogħdija ta' katusi tad-drenaġġ u tal-ilma, brix u twaħħil ta' *showers* u *toilets*, kif ukoll ta' bini ta' partitions fi kmamar, u in vista tal-fatt li fuq il-fatturi li kien joħroġ l-attur hemm indikat: "*JOE GRIMA – Plasterer, Marble Works, Tiling, Water Proofing Membrane & Scaffolding For Hire*", hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik taħt l-Artikolu 2148(a) u cioe` dik ta' tmintax-il xahar.

**39.** Il-fatt li l-konvenut qajjem ukoll il-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu

2149 ma tagħmilx l-Artikolu 2148 anqas applikabbli.

**40.** L-atturi appellati fin-nota tas-sottomissjonijiet responsiva li ppreżentaw f'dan l-istadju daħlu f'dettal konsiderevoli biex jargumentaw illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li qajjem il-konvenut appellant hija bla effett jew improponibbli. Huma bażikament iqajmu żewġ argumenti: (a) li l-konvenut appellant "qatt ma nnega li hu debitur"; *(b)* li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli mat-tielet eċċezzjoni tiegħu.

**41.** Fl-ewwel lok isostnu li l-konvenunt appellant qatt ma nnega li huwa debitur. Dan pero` jagħmluh fil-kuntest ta' dak li ġie ribadit mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Vella v. Peter Abela et** fejn kienet saret riferenza għall-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili (magħruf aħjar bħala l-*guramento decisorio*, fejn l-attur ikun qed jirrimetti ruħu għall-kuxjenza tad-debitur[5]). Tali artikolu jgħid hekk:

> *"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa".*

**42.** Jiġi spjegat li l-*guramento decisorio*, iġorr miegħu konsegwenzi legali ben speċifiċi fl-eventwalita` li r-risposta tad-debitur għad-domanda posta mill-kreditur ai termini tal-imsemmi artikolu tal-Liġi tkun li ma huwiex fil-fatt debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. In

[5] **Vincenza Vella v. Carmela armla Sciberras**, P.A., 16.01.1963

effetti f'tali ċirkostanza l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tiċħad it-talba tal-kreditur għall-ħlas[6].

**43.** Fil-kawża **Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech**[7] fir-rigward tal-Artikolu 2265(1) (li huwa l-Artikolu 2160(1) ta' llum) il-Qorti tal-Appell (Kummerċjali) kienet spjegat illi "*Ġie ritenut illi jmiss lill-parti li kontra tagħha l-preskrizzjoni tiġi eċċepita … … … li tiddeferixxi l-ġurament lill-eċċipjent. Jekk hi ma tiddiferix il-ġurament … … … il-Qorti ma tistax tordnah ex officio. U la l-ġurament ma jkunx ġie differit, il-preskrizzjoni sseħħ anke mingħajru".*

**44.** Issa fil-każ odjern, l-atturi appellati lanqas biss qegħdin jirritjenu bħala ammissibbli l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u għalhekk qatt ma kienu fil-pożizzjoni li jitolbu li jiddiferixxu l-ġurament imsemmi fl-Artikolu 2160(1) lill-konvenut appellant. Għaldaqstant, kwalsiasi argumenti u referenzi li jirigwardaw dan l-artikolu huma rrilevanti.

**45.** Huma jagħmlu referenza partikolari għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-4 ta' Frar 2013 fil-kawża fl-ismijiet "Consiglio LIvori vs Jacksons Co Ltd" fejn kienet saret riferenza estensiva għal diversi deċiżjonijiet oħra li jittrattaw il-kompatibilita` o meno tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma' eċċezzjonijiet oħra li jkunu ġew sollevati

---

[6] **Kinetix IT Solutions Ltd v. Advanced Business Solutions Ltd**, Q tal-Maġistrati (Malta), 14.01.2013

[7] **Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech**, Appell Kummerċjali, 15.02.1965

mill-istess konvenut fil-kawża. Il-ġurisprudenza ċitata tinsenja li ma jistax wieħed jeċċepixxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u wkoll l-eċċezzjoni tal-kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-attur huwa esaġerat, u li xejn ma jiswa li tali eċċezzjonijiet ikunu ġew eċċepiti "*bla preġudizzju*". Ir-raġuni hija għaliex dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet jammontaw għal rikonoxximent tad-dejn u ma jistax wieħed jirrikonoxxi d-dejn u jeċċepixxi l-preskrizzjoni fl-istess ħin.

**46.** Issa l-konvenut appellant qatt ma qajjem xi eċċezzjoni ta' dan it-tip; fil-fatt l-unika eċċezzjoni li qajjem fil-mertu kienet it-tielet (3) waħda li tgħid li t-talbiet tal-atturi huma "… *infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda … "*.

**47.** L-atturi appellati pero` jgħidu illi l-konvenut appellant, "*in sostenn tat-tielet eċċezzjoni tiegħu*" qed jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti kienet laqgħet it-talba tagħhom mingħajr ma kien ġie ppruvat il-kwantum ta' dak li skont huma hu dovut lilhom, u li qagħdet sempliċiment fuq l-*invoice* maħruġa minnhom, u skont l-istess atturi appellati, dan jirrendi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni improponibbli.

**48.** Huwa minnu li l-konvenut appellant, fir-raba' aggravju tiegħu ilmenta li:

> *"…bl-ebda mod ma ġie ppruvat il-"quantum" ta' dak allegatament dovut,*

*u dak li allega l-attur hu prinċipalment sempliċi allegazzjoni ta' invoice li ħareġ hu".*

**49.** Huwa mbagħad fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu ippreżentata quddiem din il-Qorti spjega b'mod aktar dettaljat kif ħassu aggravat bil-fatt li l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-atturi appellati għaliex il-provi ppreżentati mill-atturi appellati biex jissostanzjaw l-ammont reklamat minnhom ma kinux (skont hu) sodi biżżejjed. F'dan ir-rigward aċċenna għall-fatt li qatt ma kien hemm terzi esperti "*imqar ex parte*" biex jagħmlu l-kejl, u li lanqas ma sar "*breakdown*" dettaljat tal-fattura "*unilaterali*" tagħhom.

**50.** Dawn l-imsemmija ilmenti pero`, ġew ippreżentati mill-konvenut appellant bħala kritika versu s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu jsostni li l-ammont pretiż (li l-ewwel Qorti ordnatlu jħallas) ma ġiex sostnut bi provi adegwati, iżida bl-ebda mod ma hu qed jirrikonoxxi li hemm xi parti minnu li għandu jħallas. Tali lmenti ma ressaqhomx "*in sostenn tat-tielet eċċezzjoni tiegħu*", kif jgħidu l-atturi appellati, iżda kienu intiżi biex juri għaliex il-provi li ressqu l-atturi appellati biex jippruvaw it-talbiet tagħhom kienu insuffiċjenti.

**51.** Abbażi tas-suespost, din il-Qorti ma tirritjenix l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut bla effett jew improponibbli.

**52.** L-aħħar argument li jagħmlu l-atturi appellati fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tirrigwarda proprju l-mertu.

**53.** L-atturi appellati intavolaw il-kawża odjerna fil-11 ta' Awwissu 2000. Huma talbu li l-konvenut jiġu kkundannat iħallashom is-somma ta' Lm1131.50 dovuti lilhom flimkien mal-interessi b'effett mill-10 ta' Diċembru 1994. Fiċ-ċitazzjoni saret riferenza għall-ittra uffiċjali tat-13 ta' Jannar 2000[8]. Jidher għalhekk li għaddew ħames snin minn meta skont huma l-ammont sar dovut sakemm ħadu passi legali kontra l-konvenut u għalhekk jidher *prima facie* li l-azzjoni hija preskritta.

**54.** L-atturi appellati pero` isostnu li fil-mertu din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax treġi. Fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li mill-1994 sa meta irriżulta l-bilanċ finali fis-sena 1998 saru pagamenti akkont u kienu għadhom qed isiru xogħljiet a benefiċċju tal-konvenut appellant bħalma huma użu ta' krejn u differenza mill-istima mogħtija minħabba xogħlijiet extra li ntalbu jsiru. Jaċċennaw għall-ittra tas-7 ta' Jannar 1996[9] li kienu bagħtu lill-konvenut appellant tramite d-difensur tagħhom ta' dak iż-żmien li permezz tagħha kienu infurmawh li kellu jħallashom Lm2127.50 u Lm221.50 rappreżentanti żewġ kontijiet ta' xogħol magħdum mill-attur, kif ukoll Lm74.75 rappreżentanti ħlas tal-kiri ta' krejn li ntuża waqt l-istess xogħlijiet.

[8] Kopja ta' tali ittra tinsab esebita a fol 84
[9] Fol. 78

**55.** Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirriżultaw is-segwenti dokumenti (veri kopji) indirizzati lill-konvenut appellant, li ġew esebiti mill-atturi appellati:

(i) Dok JG1 - *invoice 000020* datata 10.12.1994 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| xoghol ta' bini u ftuħ ta bibien | Lm 112 |
| ġebel 15 ½ vjeġġ | Lm 11.50 |
| Crane 4 hrs @ Lm8 | Lm 32 |
| **TOTAL** | **Lm 221.50** |

(ii) Dok JG 8 – *remittance advice 0157* datata 03.05.1998 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| **TOTAL** | **Lm1131.50** |

(iii) Dok JG7 – *remittance advice 0161* datata 09.03.1999 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| **TOTAL** | **Lm1131.50** |

(iv) Dok JG5 – *remittance advice 0164* datata 01.06.1999 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| **TOTAL** | **Lm1131.50** |

(v) Dok JG4 – *remittance advice 0170* datata 21.12.1999 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| imgħax 1999 | Lm 98.70 |
| **TOTAL** | **Lm1230.20** |

(vi) Dok JG3 – *remittance advice 0171* datata 28.12.1999 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| imgħax 1999 | Lm 98.70 |
| **TOTAL** | **Lm1230.20** |

(vii) Dok JG2 – *remittance advice 0186* datata 10.10.2000 rigwardanti:

| | |
|---|---|
| invoice 000020 tal-10.12.1994 | Lm 221.50 |
| Crane | Lm 60 |
| Differenza stima | Lm 850.50 |
| **TOTAL** | **Lm1131.50** |

**56.** Fix-xiehda tiegħu l-attur appellat spjega li r-*remittance advice* kienet tintbagħat lill-konvenut appellant minn żmien għal żmien.

**57.** Anke kieku din il-Qorti kellha toqgħod fuq dak li jgħidu l-atturi appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom, u cioe` li bejn l-1994 u l-1998 baqgħu isiru xogħlijiet u anke pagamenti akkont, u li l-bilanċ finali kien dak li inħareġ fit-3 ta' Mejju 1998 (Dok JG8), jiġi li l-azzjoni hija preskritta abbażi tal-Artikolu 2148 tal-Kodiċi Ċivili. Dan qed jingħad għaliex l-ittra uffiċċjali hija datata 13 ta' Jannar 2000, u għalhekk saret aktar minn tmintax-il xahar minn meta rriżulta l-"bilanċ finali".

**Decide:**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħdha tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni abbażi tal-Artikolu 2148 li ġiet sollevata f'dan l-istadju tal-appell, u għalhekk tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet tal-atturi appellati.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-atturi appellati ħlief għad-dritt tar-reġistru li jkun a karigu tal-konvenut appellant u dan peress li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tqajjmet għall-ewwel darba mill-konvenut f'dan l-istadju, u l-ispejjeż tal-proċeduri fil-prim'istanza għandhom jibqgħu a karigu tal-konvenut appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df